*- nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 22 ta' Settembru, 2020.**

**Rikors Guramentat Nru. 924/19 GM**

**Christopher Drago in rappresentanza tal-assenti**

**Bodishtianu Evgueni Ivanoch ID 0446416L**

**vs**

**Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa**

**u Supretendent tas-Saħħa Pubblika**

**Il-Qorti,**

Din hija kawża b'talba għal stħarriġ amministrattiv;

Rat l-atti tal-kawża;

Jirriżulta illi:

**Fatti:**

1. Fid-19 ta' Awwissu 2019, il-konvenuti rċivew numru ta' rapporti dwar nuqqas ta' iġene u faċilitajiet sanitarji ġewwa l-ex lukanda *La Paloma*.

2. Fis-26 ta' Awwissu 2019 fis-6.00am saret spezzjoni bl-għajnuna tal-Pulizija tad-Distrett, il-Pulizija tas-sezzjoni tal-Immigrazzjoni u anke tal-iskwadra Rapid Intervention Unit ġewwa l-ex-Lukanda La Paloma.

3. Fit-28 ta' Awwissu 2019, ġie mħejji rapport mill-Uffiċċjali tad-Dipartiment tas-Sanita' rigward l-imsemmija spezzjoni, illi indika n-nuqqasijiet illi nstabu ġewwa l-proprjeta` flimkien ma' għadd ta' ritratti li jirriflettu l-kundizzjoni ħażina li fiha kienet il-proprjeta`.

Fir-rapport redatt kien hemm imniżżel illi kif daħlu fil-fond l-uffiċjali sabu li l-kmamar kienu infestati bil-wirdien, ma kienux ventilati u ma kellhomx dawl adekwat; kien hemm kmamar li kellhom erba' jew ħames saqqijiet mal-art u għalhekk kienu ffullati u diversi kmamar minnhom kienu bla dawl elettriku; il-ħitan tal-kmamar ma kienux imkaħħlin u lanqas miżbugħin; il-ħitan tal-partijiet komuni kienu maħmuġin u bil-moffa, kien hemm numru sostanzjali ta' boroż suwed mimlija żibel fil-parapett ta' quddiem, ġewwa s-*shafts*, fuq il-bejt u fit-taraġ tal-komun; *is-shafts* kienu kollha mimlija ilma maħmuġ u qiegħed; id-drenaġġ li kien ġewwa, ma kienx mgħotti u dak ta' barra ma kienx issiġillat tajjeb tant li kien qed ifur għal ġol-btieħi u għal għand il-ġirien; il-kmamar kienu fi stat ta' iġene ħażina ħafna bil-borom u ikel ġewwa l-kmamar tal-banju u ġol-kmamar tas-sodda; l-apparat tal-kċina fil-kmamar kien kollu maħmuġ ħafna; uħud mill-kmamar ma kellhomx karma tal-banju u dawk li kellhom kienu maħmuġin u fi stat ħażin ta' tiswija jew imkissrin għal kollox tant illi kienu qed jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom ġo bramel, filfatt ġie nnutat ħmieġ uman fi bramel; kien hemm riħa tinten ta' urina tinxtamm ma' kullimkien; ġewwa r-*reception area* kien hemm bord bil-menu ta' drogi differenti[1].

[1] Ara ritratti f'fol 20 sa 37

Wieħed mill-uffiċċjali li kien fuq il-post jagħmel l-ispezzjoni ingidem minn insett u kellu jingħata kura permezz ta' ingwent appożitu.

L-istruttura kienet perikoluża peress li diversi tarġiet fit-taraġ komuni kienu neqsin u l-poġġaman tal-ħadid kien fi stat ħażin. Waħda mill-gallariji ma kellhiex poġġaman u allura kienet ta' periklu; il-ħitan ta' uħud mill-kmamar kellhom xquq u danni magħmula minn skular tal-ilma.

Waqt din l-ispezzjoni kien hemm preżenti professjonist fis-saħħa pubblika John Scerri illi kkonkluda illi peress li ma kienx hemm iġene adekwata fil-fond in kwistjoni, u peress li kien hemm infestazzjoni ta' wirdien, dan seta' jġib miegħu mard fl-inħawi tal-madwar.  Dan kollu jagħmel il-post mhux abitabbli għax ipoġġi fir-riskju s-saħħa tan-nies li qed jgħixu hemm u anke' tal-ġirien.

4.  Minħabba dawn l-irregolaritajiet kollha li ġie deċiż illi tiġi ssiġillata din il-proprjeta` ai termini tal-Artiklu 6 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika. Christopher Drago ġie nnotifikat b'dan fl-istess ġurnata tal-ispezzjoni u ċjoe` fis-26 ta' Awwissu 2019[2].

5.  Saret spezzjoni oħra l-għada u ċjoe' fis-27 ta' Awwissu 2019, fil-preżenza tas-Sur Drago[3] li fiha  ġie nnutat illi l-partijiet komuni kienu tnaddfu iżda l-kmamar ma kienux fi stat ta' iġene sodisfaċenti. Is-Sur Drago irrifjuta li jagħlaq l-proprjeta` u filfatt ippreżenta mandat ta' inibizzjoni sabiex id-Dipartiment tas-Sanita` ma jagħlaqx il-proprjeta`.

6.  Fil-5 ta' Settembru 2019 saret spezzjoni oħra u ġie kkonfermat li s-sitwazzjoni kienet għadha l-istess.[4]

---

[2] Fol 40

[3] fol 215

[4] depożizzjoni ta' Malcolm Vella Haber fol 123

7. Fl-10 ta' Settembru 2019 l-attur kiseb il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa. Fit-30 ta' Settembru 2019 ippreżenta din il-kawża.

8. Saru diversi spezzjonijiet oħra [5], - fil-25 ta' Settembru 2019[6] fis-17 ta' Jannar 2020[7] u fit-18 ta' Frar 2020[8] - u ġie kkonfermat li s-sitwazzjoni kienet għadha l-istess[9]. Waqt dawn l-ispezzjonijiet, xi kmamar kienu msakkra b'katnazz u allura l-uffiċċjali tad-Dipartiment tas-Sanita` ma setgħux jispezzjonawhom. Setgħu jaraw illi tbajjad il-komun iżda l-kmamar kienu għadhom l-istess, iġifieri biż-żibel ġo fihom, maħmuġin, l-infestazzjoni kienet għadha hemm u d-drenaġġ għadu ħiereġ. In-nuqqasijiet dwar is-sanita` pubblika ma ġewx rimedjati kif jidher minn l-għadd ta' ritratti meħudin waqt l-imsemmija spezzjonijiet[10].

9. Il-konvenuti ppreżentaw ukoll rapport ikkonfermat mit-tabib speċjalist fis-saħħa pubblika Dr Christine Baluci[11] datat 13 ta' Marzu 2020 li permezz tiegħu rrelatat dwar ir-riskji tas-saħħa li jeżistu fil-proprjeta` kawża ta' tixrid ta' mard mill-wirdien, iffullar fil-kmamar, faċilitajiet sanitarji inadekwati minħabba nuqqas ta' servizzi ta' drenaġġ, kif ukoll nuqqas ta' iġene fl-ikel li jaffettwaw l-iġene personali kif ukoll jgħinu biex ikun hemm ħafna mard. Il-konvenuti ppreżentaw ukoll rapport ġuramentat minn tabib speċjalist tas-saħħa pubblika.[12]

10. Chistopher Drago fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-23 ta' Jannar 2020 u ċjoe' qabel l-aħħar spezzjoni magħmula mid-Dipartiment tas-Sanita', jgħid illi saru diversi xogħolijiet ta' tisbieħ ġewwa *La Paloma* fosthom żebgħa u kisi, inbiddlu

[5] Dok MVH2 a fol 147
[6] Dok MVH3 a fol 149
[7] Dok MVH4 a fol 152
[8] Dok MVH5 a fol 154
[9] Depożizzjoni ta' Malcolm Vella Haber fol 123

[10] Dok MVH 6 a fol 156, Dok MVH7 a fol 161, Dok MVH8 a fol 172,Dok MVH9 a fol 184-206
[11] Dok CB1 a fol 329
[12] fol 328

diversi bibien, inxtraw diversi *toilet seats* u *showers* u inbiddlu diversi pajpijiet tal-ħadid. Inħatret persuna sabiex tieħu ħsieb il-manutenzjoni u l-bżonnijiet tar-residenti li hija is-Sur Youssef Abdelaziz Fawzi Abdelaziz li l-affidavit tiegħu ippreżentat ukoll fit-23 ta' Jannar 2020 jgħid li ilu f'din il-kariga minn Settembru 2019 u l-proprjeta` illum qegħda fi stat tajjeb u nadif u tranġaw il-ħsarat li kien hemm. Esebixxa r-ritratti li ġew ippreżentati flimkien mal-irċevuti li jirriflettu ħlas għax-xogħolijiet li saru[13].

11. Skont il-konvenuti, minn meta nħarġet l-ordni sat-3 ta' Marzu 2020, saru xogħlijiet rimedjali minimi, iżda d-defiċjenzi maġġuri li jammontaw għal periklu għas-saħħa pubblika baqgħu hemm, bħal katusi mkissrin, drenaġġ iqattar, iffullar żejjed, toilets komuni mkissrin, maħmuġin u miżdudin, infestazzjoni tal-kokroċ.[14] Il-konvenuti esebew kopji tar-rapporti bir-ritratti relattivi li juru l-istat tal-post bejn it-28 t'Awwissu 2019 u t-3 ta' Marzu 2020.[15] Ir-rapporti u ritratti ġew ikkorroborati bix-xhieda ta' tlett uffiċjali li accedew fuq il-post.

12. L-ispezzjonijiet saru fl-ex-Paloma Hostel; l-ordni infiċjata ħarġet biss dwar "ex-Paloma Hotel" u m'hemm l-ebda riferenza għall-fond l-ieħor deskritt fir-Rikors Ġuramentat;

Ikkunsidrat:

**It-talbiet**

L-attur permezz tar-Rikors Guramentat jilmenta li:

(i) mhux responsabbli għall-aġir tal-inkwilini.

(ii) appena sar jaf li saru xi rapport ħa l-inkariku li jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa.

[13] Dok CD5 a fol 67 – fol 111
[14] Vella Haber, fol 125

[15] fol 128, 147, 152

(iii) ma ngħatax avviż u opportunita` li jirrimedja xi nuqqasijiet li seta' kien hemm iżda ġie rrinfaċċjat bl-ordni in kwistjoni li billi ma kinitx għadha ġiet esegwita, talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni biex il-fondi ma jiġux issiġillati

Għalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-avviż in kwistjoni huwa egħmil amministrattiv li jikser id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 469A b(ii) u (iii) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u għalhekk null;

**Id-difiża:**

Illi fost difiżi oħrajn fir-Risposta Guramantata tagħhom, il-konvenuti, permezz tat-tieni eċċezzjoni jeċepixxu li Drago ma ppreżenta l-ebda dokumenti li juri li hu awtorizzat minn Ivanoch biex jirrapreżentah f'din il-kawża; permezz tat-tielet eċċezzjoni jsostni li ma nġiebet l-ebda prova li Ivanoch huwa jew kien assenti minn Malta; u permezz tar-raba' eċċezzjoni li ma saret l-ebda prova dwar it-titlu tal-proprjeta` in kwistjoni;

Illi l-Qorti sejra titratta dawn l-eċċezzjonijiet, billi jekk jintlaqgħu, il-kawża tieqaf hemm;

Ikkunsidrat:

Illi Ivanoch ma ppreżenta l-ebda evidenza li huwa tassew sid il-postijiet in kwistjoni jew li huwa assenti minn Malta. Lanqas ma ġiet ippreżentata evidenza li tassew inkarika lil Christopher Drago biex jidher f'ismu f'din il-kawża; anzi minflok ġiet esibita awtorizzazzjoni minn Ivanovick lil "Mr Fawzi Mohamed Adelaziz Id No. 0279917L" – l-istess persuna li ġiet inkarikata tagħmel xi

xogħlijiet fil-fond de quo[16], skont affidavit tiegħu stess  biex jidher f'ismu fil-proċeduri legali relatati mal-fond *Paloma* fi Triq il-Gifen, Bugibba.  L-awtorizzazzjoni hi relatata mal-fond "Paloma" u mhux ukoll mal-fond l-ieħor Blue Angel Apartments imsemmi fir-rikors ġuramentat.[17]

Illi għalhekk l-azzjoni tal-attur hija nieqsa mill-prova ewlenija tal-leġittimazzjoni attiva u ma tistax tiġi milqugħa.  Minħabba dan in-nuqqas radikali il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tat-talbiet tiegħu;

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi  tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba eċċezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż a kariku tiegħu.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

---

[16] fol 56

[17] fol 57